MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 33

It-Tnejn, 9 ta' Novembru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

Id-Deputy Speaker, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

PREŻENTI

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet l-Onor. Owen Bonnici, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri u l-Ministru għall-Finanzi l-Onor. Clyde Caruana kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Conrad Borg Manché u l-Onor. Francesca Zarb kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, l-Onor. Miriana Calleja Testaferrata de Noto u l-Onor. Marliena Gauci kienu skużati.

L-Onor. Fleur Abela u l-Onor. Deborah Schembri kienu assenti.

TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 32 li saret fl-4 ta' Novembru 2026 kienu konfermati.

MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 3249 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel, l-Onor. Anton Refalo, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 517 Tabella li turi tagħrif dwar NGOs u organizzazzjonijiet oħra li qed jibbenefikaw mill-Fond tal-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) għal Malta 2023–2027, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4460;

P.L. 518 Tabella li turi tagħrif dwar NGOs u organizzazzjonijiet oħra li jibbenefikaw minn kollaborazzjoni u servizzi mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4461;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 519 Tabella li turi data mill-Eurostat bl-isem *Early Leavers from education and training by sex* għas-snin bejn l-2000 u l-2025, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 338;

P.L. 520 Tabella li tagħti n-numru ta' studenti statemented għas-servizz ta' LSE, maqsuma skont LSE shared, shared in the same class u one to one, għas-snin bejn l-2013/2014 u s-snin 2026/2027, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5037;

f'isem il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 521 Rapport Annwali għas-sena 2025 tal-Kummissarju Responsabbli mill-Benesseri tal-Priġunieri datat 9 ta' Frar 2025, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2219; u

f'isem il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 522 Stqarrija maħruġa mill-Enemalta bl-isem *Enemalta tkompli tinvesti fl-infrastruttura tal-elettriku f'Għawdex* datata 3 ta' Ottubru 2026 u stqarrija bl-isem *Enemalta ser tinvesti €11-il miljun biex tkompli ssaħħaħ in-network tal-elettriku f'Għawdex* datata 4 ta' Novembru 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2686.

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

1. ESTIMI ĠENERALI 2027 - KUMITAT TA' PROVVISTA – IT-TIENI SEDUTA STABBILITA

Il-Kamra marret f'Kumitat.

FIL-KUMITAT

Il-President tal-Kumitati, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

Il-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Jo Etienne Abela, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

VOT 35 - MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €214,629,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 35 - Ministeru għat-Turiżmu, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

VOT XVII - MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - KAPITAL

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €2,916,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XVII - Ministeru għat-Turiżmu - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

Il-President tal-Kumitati informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fl-4.36 p.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Alex Perici Calascione ressaq din l-Emenda:

VOT 35 - MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

Personal Emoluments

Item 11 - Holders of Political Office

Ħassar iċ-ċifra "€57,928" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€57,925".

Delete the figure "€57,928" and substitute therefor the figure "€57,925".

Fis-6.03 p.m. skada l-ħin tal-Oppożizzjoni, u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Alex Perici Calascione, l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Graziella Galea, l-Onor. Bernice Bonello u l-Onor. Ivan Castillo għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Jo Etienne Abela, l-Onor. Rebecca Buttigieg, l-Onor. Ramona Attard u l-Onor. John Grech għan-naħa tal-Gvern.

Fis-7.26 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għat-Turiżmu rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għat-Turiżmu kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kellhom isiru f'seduta li d-data tagħha kellha tiġi deċiża skont l-istess mozzjoni ta' proċedura.

AĠĠORNAMENT

Fis-7.27 p.m. il-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Jo Etienne Abela, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 10 ta' Novembru 2026 fid-9.00 a.m. b'din l-aġenda:

<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

Estimi Ġenerali 2027 - Kumitat ta' Provvista

It-Tielet Seduta Stabbilita – Ministeru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali

Vot 47 – Ministeru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali
Vot XXIV – Ministeru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali

Il-Ministru għat-Turiżmu informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Huwa informa wkoll lill-Kamra li din is-seduta se tkun mingħajr mistoqsijiet parlamentari u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fis-7.28 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. BERNARD GRECH
DEPUTY SPEAKER